# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 894/02**

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Gaspare Mizzi u Mario Mizzi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm450.30 (erba mija u hamsin lira Maltin u tletin centezmu) rapprezentant import ta' 5 kambjalijiet (Dok 1 sa Dok 5) mill-konvenuti accettati u iffirmati u li d-data ta' maturita skadiet, li ma gewx imhallsa mill-konvenut, prezz ta' karozza lilu mibjugha u konsenjata.

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi l-ammont ta' Lm5.75 (hames liri maltin u hamsa u sebghin centezmu) ta' ittra interpellatorja kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil l-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub thallas izda l-ispejjes baqgu ma thallsux;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici ghall-ispejjes.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**